# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 02 ta' Lulju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**

**Vs**

**Iliyana Ilieva**
**Genoveva Stoilova**

**Kumpilazzjoni Nru: 391/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:

**Iliyana Ilieva** detentrici ta' numru ta' dokument Bulgaru 644804117; u

**Genoveva Stoilova** detentrici ta' numru ta' dokument Bulgaru 646575794.

Akkuzati talli b'diversi atti maghmula minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi bi ksur ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:-

1. Nhar l-20 ta' Gunju 2018, ghall-habta ta' nofs inhar minn gewwa l-istabbiliment 'Darmanin Footwear', Triq it-Torri, Sliema, ikkommettew serq, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jaccediex is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Sylvana Saliba u/jew xi persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Nhar il-21 ta' Gunju 2018 ghall-habta ta' nofsinhar minn gewwa l-istabbiliment 'The Point', Sliema ikkommettew serq liema serq ma jaccediex is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94), ghad-detriment ta' Josephine Vella u/jew xi persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzzjonijiet migjuba kontra taghom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. L-ewwel konsiderazzjoni necessarjament ghandha tkun in-natura tar-reati li taghom qed jinstabu hatja l-imputati. Ir-reat ta' serq huwa reat gravi u mill-atti jirrizulta ampjament li z-zewg imputati gew Malta specifikatament biex jikkommettu dawn ir-reati: huma gew ghal ftit granet bi ftit flus kontanti fuqhom u minghajr ma prenotaw lukanda tant li kienu jorqdu f'xi spjagga; tipi ta' reati, kollha b'l-stess modus operandi, li qed isiru ferm aktar frekwenti f'pajjizna. Min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt

li l-imputati ammettew fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, f’ Malta ghandhom fedina penali netta, u waqt l-udjenza mizmuma llum irrestitwew l-ammont misruq.

Illi tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja li pero tkun fil-minimu previst mill-Ligi. Il-piena ghall-ewwel imputazzjoni hija dik ta’ prigunerija minn hames xhur sa tlett snin. Ai termini ta’l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tinghata biss piena ghall-ewwel imputazjoni li, fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tizdied sa zewg gradi peress li z-zewg imputazzjonijiet ghandhom jitqiesu bhala reat kontinwat. Il-Qorti pero qed taghzel li ma zziedx il-piena b’mod li l-minimu applikabbli jibqa’ hames xhur prigunerija. Ghal kull buon fini jigi rilevat li la darba l-hlas sar wara li nbdew il-proceduri odjerni (u cioe fit-tieni udjenza) il-Qorti ma tistax tapplika l-artikolu 337(2) tal-Kapitolu 9 ghalhekk il-piena ma tistax tonqos minn dak stabbilit f’l-artikolu 279(a) ta’l-istess Kapitolu 9.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c), 267 u 284 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom hames xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**